MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 927/1992/1

**Carmela armla ta' Felice Vella, u Paola mart Joseph Debono li f'isimha gew legittimati l-atti b'digriet tal-31 ta' Awissu 1994, wara l-mewt ta' l-imsemmija Carmela Vella**

**v.**

**Maria mart Michele Cauchi u l-istess Michele Cauchi, Giovanna armla ta' Giovanni Curmi, u Rita mart Antonio Vella u l-istess Antonio Vella; u ghall-interess li jista' jkollhom Antonia armla ta' Carmelo Sant, Paola mart Joseph Debono, u l-istess Paola Debono b'digriet tas-17 ta' Settembru 1992, mahtura bhala kuratrici deputata biex tirrapprezenta lill-assenti Maria armla ta' Emmanuele Azzopardi u Francesca**

**mart Luigi Borg, ahwa Vella; u lill-assenti Anhony, Richard u Jimmy ahwa Chircop, ulied il-mejta Salvina neè Vella u b'digriet tat-3 ta' April 2003, Tony Borg gie konfermat bhala kuratur biex jirrapprezenta lil Antonia Sant, assenti minn dawn il-gzejjer**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI ATTRICI**

1. B'citazzjoni pprezentata fis-17 ta' Awissu 1992, l-attrici Carmela Vella istitwiet il-kawza odjerna fejn talbet lill-Qorti tholl kuntratt ippublikat fit-23 ta' April 1983, stante li l-parti l-ohra kienet naqset milli tonora l-obbligazzjonijiet minnha assunti.

L-attrici ppremettiet illi b'kuntratt tat-23 ta' Awissu 1983, redatt min-Nutar Angelo Vella, hija u zewgha Felice, illum mejjet, kienet taw lill-konvenuti Maria mart Michele Cauchi, Giovanna armla ta' Giovanni Curmi u Rita mart Antonio Vella flimikien u f'ishma ndaqs il-fond numru 57 fi New Mill Street, Mellieha. Bhala korrispettiv ta' tali assenjazzjoni u trasferiment it-tlett konvenuti, fi kwoti ndaqs, indivizament u in solidum bejniethom kienu ikkostitwew favur l-attrici u zewgha, rendita` vitalizja ta' elf Lira Maltija fis-sena ghal tul hajjithom sakemm imutu, li kellha tithallas fil-forma ta' servigi illi t-tlett konvenuti kellhom jipprestaw lill-konjugi Vella. Ziedet illi fil-kuntratt gie specifikat illi fost dawn is-servigi kellu jkun hemm tindif, preparazzjoni ta' l-ikel, irqad bil-lejl ma' l-attrici u zewgha jew mas-superstiti minnhom u dawk is-servigi u kuri kollha illi l-attrici u zewgha kienu jehtiegu kemm kwotidjanament, kif ukoll minn zmien ghal zmien, skond l-istat ta' sahhithom.

Illi Felice Vella miet wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-att u halla superstiti u eredi tieghu lill-konvenuti kollha citati, ad eccezzjoni tal-konvenuta Maria Cauchi.

Ippremettiet illi minn wara l-mewt ta’ Felice Vella, u fl-ahhar zmienijiet, it-tlett konvenuti naqsu ghal kollox mill-obbligi taghhom tant li l-attrici, llum anzjana u fi stat ta’ sahha prekarju, hija kostretta tghix wahedha minghajr ma qed tigi pprovduta ebda kura, assistenza jew servigi ohra mill-konvenuti u tiddependi mill-ghajnuna tal-girien.

Ziedet li dawn in-nuqqasijiet tal-konvenuti fil-konfront taghha jaghtu lok ghall-hall tal-kuntratt precitat b’mod li kollox jitqieghed fl-istess stat bhal li kieku l-kuntratt tat-23 ta’ April 1983, qatt ma gie maghmul u ghalhekk talbet li l-Qorti –

i) tiddikjara li t-tlett konvenuti naqsu u qed ikomplu jonqsu milli jaghtu lill-attrici s-servigi u kuri mehtiega minnha, kif intrabtu li jaghmlu bil-kuntratt tat-23 ta’ April 1983;

ii) tiddikjara u tiddeciedi li minhabba tali agir, ossija nuqqasijiet tal-konvenuti, fil-konfront ta’ l-attrici, hemm lok li jinhall il-kuntratt precitat, b’mod li kollox jerga’ jitqieghed kif kien bhallikieku tali kuntratt qatt ma sar;

iii) tordna l-hall tal-kuntratt imsemmi minhabba n-nuqqasijiet tat-tlett konvenuti fil-konfront ta’ l-attrici;

iv) tikkundanna lill-konvenuti jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ hall opportun skond it-tielet talba attrici, tahtar nutar biex jircievi u jippublika l-att fil-jum u post li tghid il-Qorti, u tahtar kuraturi deputati biex jidhru f’isem min ma jersaqx ghall-pubblikazzjoni ta’ l-att.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**IN-NOTA TA’ L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI PAOLA DEBONO PRO ET NOE TAL-21 TA’ OTTUBRU 1992**

2. Dawn il-konvenuti eccepew illi huma jaqblu li l-konvenuti Maria mart Michele Cauchi, Giovanna armla ta’ Giovanni Curmi u Rita mart Antonio Vella naqsu mill-obbligu kontrattwali taghhom versu l-attrici u ghaldaqstant

ma jopponux it-talbiet attrici. Huma izda ma kellhomx ibatu spejjez gudizzjarji.

**IN-NOTA TA' L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI L-OHRA TAD-9 TA' OTTUBRU 1992**

3. Il-konvenuti l-ohra eccepew illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghaliex huma pprestaw servigi lil Felic Vella sakemm miet u komplew jipprestaw servigi regolarment anke lill-attrici sa l-ahhar gimgha ta' Lulju 1992, u ma kienx bi htija taghhom li waqfu jipprestaw dawn is-servigi lill-attrici.

**IS-SENTENZA TAL-PRIM AWLA TAL-QORTI CIVILI**

4. B'sentenza tal-10 ta' Jannar 2003, il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet l-ewwel talba attrici u ddikjarat illi l-konvenuti Maria Cauchi, Giovanna Curmi u Rita Vella naqsu mill-obbligazzjonijiet assunti minnhom fil-kuntratt tat-23 ta' April 1983, izda cahdet it-talbiet l-ohra. Ordnat li l-ispejjez dwar l-ewwel talba jithallsu mill-konvenuti u l-kumplament mill-attrici.

Dik il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawza u ezaminat il-provi prodotti, kkonkludiet illi sakemm kien ghadu haj Felice Vella, l-attrici kienet moqdija u ma kenitx tehtieg l-ghajnuna tat-tliet konvenuti. Ziedet tghid illi l-attrici stess xehdet illi sa Lulju tas-sena meta saret il-kawza l-konvenuti kienu jmorru jiehdu hsiebha, u li wara Lulju hadd mill-konvenuti ma kien qed imur jiehu hsieb l-attrici u minflok kienet qed iddur biha ~~Antonia Vella~~ Antonia Borg[*], bint il-konvenuta Rita Vella u zewgha. Spjegat li mill-provi jidher li Giovanna Curmi kienet ilha ma tmur torqod ma' l-attrici ghax l-attrici kienet toqghod il-Mellieha u Curmi kienet tirrisjedi Hal-Qormi, u wkoll ghaliex kellha xi mard fil-familja. Baqghu jmorru sadanittant iz-zewg konvenuti l-ohra, sakemm xahar qabel ma nfethet il-kawza, Rita Vella ma baqghetx tmur stante li marad zewgha u kellha ddur bih. Maria Cauchi ma setghetx tmur aktar kuljum ghand l-

[*] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tat-8 ta' Mejju, 2007.

attrici ghaliex zewgha ma kienx ihalliha. Kien imbaghad li bdiet tmur ghand l-attrici ~~Antonia Vella~~ Antonia Borg* u zewgha li, skond ~~Maria Vella~~ Maria Cauchi*, biddlu c-cavetta tad-dar ta' l-attrici u ghalhekk, skond ~~Maria Vella~~ Maria Cauchi* lanqas kieku riedet tmur ma setghet tkompli taghmel dan. Dik il-Qorti, ghalkemm irrikonoxxiet illi l-konvenuti, stante li kellhom mard fil-familja, kellhom raguni "li wiehed jifhimha biex idur b'tad-dar flok immorru jduru bl-attrici", irrilevat illi legalment din ma kenitx tikkostitwixxi raguni valida, ghax il-konvenuti bejniethom kienu marbuta li jduru bl-attrici u kienu thallsu minn qabel ta' dan. Abbazi ta' dawn il-fatti, l-ewwel Qorti ddikjarat illi l-konvenuti kienu tassew naqsu milli jharsu l-obbligazzjonijiet li ntrabtu bihom u laqghet l-ewwel talba attrici.

Il-Qorti imbaghad spjegat illi t-talba ta' l-attrici biex il-Qorti tholl il-kuntratt tal-1983, ai termini tal-patt kummissorju tacitu skond l-Artikolu 1068 tal-Kodici Civili, ma setghetx tintlaqa' stante li l-kuntratt ta' vitalizju huwa regolat b'*lex specialis*, u skond l-Artikolu 1708 l-attrici (u issa l-eredi taghha) ma tistax titlob li jinhall il-kuntratt, izda tista' titlob ammont ugwali ghas-servigi li ma gewx rezi lilha tul hajjitha. Elaborat li ghalkemm illum l-attrici hija mejta u ghalhekk ma jistghux jinghatawlha servigi, fl-istess kuntratt gie stipulat li s-servigi kienu jammontaw ghall-Lm1,000 fis-sena u ghalhekk il-konvenuti setghu jaghmlu tajjeb ghan-nuqqas taghhom billi jhallsu lill-assi ereditarji ammont ugwali ghas-servigi li ma tawx lill-attrici. B'hekk cahdet il-kumplament tat-talbiet attrici.

**IR-RIKORS TA' L-APPELL TA' L-ATTRICI PAOLA DEBONO**

5. L-attrici Paola Debono hassitha aggravata bid-decizjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad u interponiet appell minnha fuq is-segwenti aggravji –

Tissottometti li l-kawza odjerna hija bbazata fuq zewg elementi fundamentali ossija –

i) l-inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenuti Maria Cauchi, Giovanni Curmi u Rita Vella, stante li naqsu milli jipprovdu s-servigi li kienu obbligati jirrendu lill-attrici ai termini tal-kuntratt tat-23 ta' April 1983 redatt min-Nutar Angelo Vella u;

ii) konsegwentement il-hall ta' l-imsemmi kuntratt.

Tissottometti li ghalkemm l-ewwel Qorti ddikjarat illi l-attrici kienet qed titlob lill-Qorti tholl dan il-kuntratt minhabba tali nuqqas da parti tal-konvenuti, u waslet ghall-konkluzzjoni korretta li t-tlett konvenuti kienu naqsu milli jharsu l-obbligazzjonijiet li ntrabtu bihom u li konsegwentement l-ewwel talba kienet gustifikata, kienet ghamlet apprezzament guridiku hazin tal-kuntratt *de quo* u erronjament cahdet it-talbiet attrici rigwardanti l-hall tal-kuntratt in kwistjoni, stante li fl-opinjoni tal-Qorti, il-kuntratt kien wiehed ta' vitalizju regolat b'ligi appozita. Abbazi ta' din il-konkluzzjoni erronja dik il-Qorti kienet applikat l-Artikolu 1708 tal-Kodici Civili u ddecidiet illi l-attrici kellha d-dritt li titlob il-hlas u mhux li titlob ir-rexissjoni tal-kuntratt u s-sussegwenti restituzzjoni tal-haga li nghatat biex jintlohoq il-vitalizju.

L-appellanti tissottometti li l-Qorti ma ezaminatx bil-mod opportun in-natura guridika ta' l-istitut tar-renta vitalizja u dak li jista' jikkostitwixxi tali kuntratt, u llimitat ruhha ghan-nomenklatura wzata fil-kuntratt minghajr ma ezaminat jekk il-kuntratt in kwistjoni jistax guridikament jigi kkunsidrat bhala renta vitalizja.

Tissottometti wkoll li ghalkemm l-Artikolu 1689 tal-Kodici Civili jipprovdi li renta hija "hlas ta' kull sena ta' flus jew f'oggetti", il-legislatur Malti ma specifikax f'hiex jikkonsisti l-kuntratt ta' rendita vitalizja u l-Kodici Civili jitratta b'mod generali dwar il-kostituzzjoni ta' renta u jispecifika li r-renta tista' tkun perpetwa jew vitalizja. L-Artikolu 1702 imbaghad jipprovdi li l-vitalizju jista' jigi kostitwit sew fuq il-hajja ta' dak li johrog il-flus jew hag'ohra, kemm fuq il-hajja tad-debitur jew ta' haddiehor li ma jkollux jedd ghar-renta. Tillanja li stante li lanqas il-gurisprudenza nostrana ma ttratat dan, ghandu jsir ezami tas-sistema guridiku Taljana

li ghalkemm, similment ghas-sistema guridika taghna, ghandu l-istess *lacunae*, tali *lacunae* gew trattatti kemm minn guristi u anke mill-Qrati, biex b'hekk dan l-istitut guridiku gie ccarat b'mod adegwat. Proprju minhabba din l-identita` bejn iz-zewg sistemi guridici fir-rigward ta' dan l-istitut partikolari, il-principji enuncjati mill-guristi u qrati Taljani ghandhom japplikaw ghall-kaz odjern.

Tispjega li skond il-Kodici Civili Taljan ir-rendita hija "annua prestazione in danaro o in derrante, mediante la cessione di un immobile, o il pagamento di un capitale che il cedente si obbliga a non piu` ripetere." L-Artikoli 1872 u 1873 imbaghad jipprovdu li tali rendita tista' tigi kostitwita taht titolu oneruz "mediante alienazione di un bene mobile o immobile o mediante cessione di capitale", b'donazzjoni jew b'testment, tul il-hajja tal-benficjarju jew ta' terza persuna jew persuni.

Fit-test Manuale di Diritto Privato redatt minn Torrente u Schlesinger ir-rendita hija deskritta bhala "qualunque prestazione periodica avente per oggetto danaro o una certa quantita` di cose fungibili." Imbaghad il-gurist Francesco Ricci fit-trattat guridiku Corso Teorico di Diritto Civile jaghmel studju approfondit dwar f'hiex tista' tikkonsisti r-rendita vitalizja.

Ir-Ricci, jghid li mill-kliem uzati fil-ligi – "un' annua prestazione in danaro o in derrante" jirrizulta li
"un contratto, mediante il quale si sborsi un capitale, o si cedano dei beni in corrispettivo di alimenti che il cessionario si obbliga a prestare al cedente per tutta la sua vita non puo` definirsi contratto di costituzione di rendita` vitalizia.

Gli alimenti, ossia il cibo, il vestito e l'alloggio che si somministrano possono qualificarsi rendita? No, perche` la rendita e` un bene commerciabile come tutti gli altri beni, che a sua volta puo` essere alienato o dotato, mentre non si possono cedere in alcun modo gli alimenti prestati in natura. Ne` si dica, essere indifferente che al costituente la rendita si paghino, ad esempio, mille lire annue in danaro, o gli si prestino cibi e vestimenta che

ammontino annualmente a questa cifra; imperroche`, se cio` puo` essere indifferente dal lato economico, non e` tale dal lato guridico.”

Ir-Ricci jkompli jispjega li meta wiehed jobbliga ruhu li jaghti flus jew oggetti qed jobbliga ruhu li jaghti “laddove l’impegno assunto di nutrire, vestire, alloggiare ecc, il costituente e` rappresentato da obbligazione di fare” li hija differenti guridikament, u –
“In quest’ultima ipotesi il contratto appartiene alla classe degli innominati; esso e` retto, come ogni altro contratto innominato dai principii generali di diritto, e non dalle disposizioni speciali dettate dal legislatore per il contratto di costituzione di rendita vitalizia.”

L-awtur jghid li tali opinjoni hija sorretta minn dak li qalet il-Qorti ta’ L-Appell ta’ Turin f’decizjoni tal-21 ta’ April 1894 li rriteniet li –

“La convenzione mediante cui uno si assume l’obbligazione di provvedere ad un altro ogni cosa necessaria alla vita (bail a` nourriture) non puo` confondersi colla costituzione di rendita. La rendita consiste in una prestazione: mentre l’obbligazione di provvedere il necessario alla vita non puo` essere determinata, ne` limitarsi a sola prestazione di danaro o di derrate, ma varia necessariamente e si estende col variare e coll’estendersi dei bisogni e delle circostanze. La rendita costituisce pel creditore un reddito patrimoniale e si puo` cedere ed alienare a qualsivoglia titolo; il diritto ad essere provveduto e` essenzialmente personale e non cedibile mentre chi assume l’obbligo di provvedere ad un altra persona non puo` essere costretto a provvedere ad un’altra in sua vece. Quindi e` che per la diversita` sostanziale di natura che corre tra le due specie di convenzioni le regole guridiche proprie dell’una non possono applicarsi all’altra. La convenzione adunque non puo’ considerarsi ne` come donazione, ne` come costituzione di rendita, ma e` semplicemente un contratto innominato e corrispettivo do ut facias.”

Dik il-Qorti kienet ikkonkludiet illi “non puo` ne` deve l’obbligazione assunta di prestare gli alimenti costituire rendita vitazia, ed anche per le sue conseguenza in caso di inadempimento deve essere regolata alla stregua delle norme che disciplinano le obbligazioni di fare.”

L-appellanti tissottometti li minn dak minnha espost jirrizulta li l-kuntratt in kwistjoni huwa kuntratt “bail a` nourriture” stante li n-natura guridika tieghu ma tinkwadrax ruhha fin-natura tal-kuntratt li permezz tieghu tigi kostitwita rendita vitalizja.  Ghaldaqtsant, il-Qorti kienet zbaljata meta applikat il-*lex specialis* relattiva ghall-kuntratt ta’ vitalizju u kkonkludiet illi l-attrici ma kellhiex dritt titlob il-hall tal-kuntratt.

Tillanja li stante li l-kuntratt *de quo* huwa wiehed innominat bilaterali li ghalih japplikaw il-principji generali tad-dritt, l-attrici, u llum il-wirt taghha, kellha l-jedd titlob il-hall tal-kuntratt in forza tal-“patto commissario tacito”, applikabbli meta jkun hemm inadempjenza kontrattwali da parte ta’ wahda mill-partijiet kontraenti.  Ghalhekk la l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel talba attrici u rrikonoxxiet li t-tlett konvenuti kienu inadempjenti fl-obbligazzjonijiet kontrattwali taghhom, l-uniku ezitu logiku hu li jigu milqugha l-kumplament tat-talbiet attrici.

Finalment tillanja li peress li gie ppruvat li l-konsiderazzjonijiet u d-decizjoni tal-Qorti rigward it-tieni, it-tielet u r-raba’ talbiet attrici huma zbaljati, hija anke zbaljata d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti dwar il-kap ta’ l-ispejjez.

Ghaldaqstant l-appellanti talbet lil din il-Qorti –

i) tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn giet milqugha l-ewwel talba attrici u fejn il-konvenuti Maria Cauchi, Michele Cauchi, Giovanna Curmi u Rita Vella  gew ikkundannati jhallsu l-ispejjez relattivi ghall-ewwel talba;

ii) tirrevokaha fejn gew michuda it-tieni, t-tielet u r-raba talbiet attrici u fejn l-attrici giet ikkundannata thallas l-

ispejjez l-ohra tal-kawza u minflok tilqa` dawn it-talbiet bl-spejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati Maria Cauchi, Michele Cauchi, Giovanna Curmi u Rita Vella.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' MARIA CAUCHI, GIOVANNA CURMI U RITA VELLA**

6.1 L-appellati jissottomettu li l-kawza odjerna giet intavolata bl-intiza cara li jigi xolt il-kuntratt ta' rendita vitalizja li sar fit-23 ta' April 1983, bejn l-appellati u Carmela u Felice konjugi Vella. Il-kawza kienet giet istitwita minn Carmela Vella fis-17 ta' Awissu 1992, meta din kellha 88 sena u ftit aktar minn gimaghtejn wara, ghal raguni li fil-fehma tal-Qorti "wiehed seta' jifhimha" waqfu dawn is-servigi. Carmela Vella mietet madwar sena u nofs wara. Jissottomettu li huma pprestaw servigi lill-konjugi Vella ghal aktar minn disa' snin, izda mbaghad gie zmien fejn ma setghux jibqghu jipprestaw dawn is-servigi b'mod ugwali bejniethom, ghalkemm tali servigi xorta baqghu jsiru, u kien hemm wkoll zmien fejn is-servigi bdew jigu rezi bi tbatija. Jghidu li Rita Vella kienet talbet l-ghajnuna ta' Anthony Borg, ir-ragel ta' bintha biex jghinha, izda dan iggieled maghha f'Lulju 1992, u martu waqqfet lil Maria Cauchi milli tkompli tmur ghand l-attrici. Inoltre, tbiddlet anke s-serratura tad-dar ta' Carmela Vella. F'Awissu mbaghad infethet il-kawza u sar anke testment favur Anthony Borg. Mal-mewt ta' Carmela Vella, dan Anthony Borg u l-attrici Paola Debono, komplew izommu l-fond mertu tal-kawza taht idejhom bhallikieku kien taghhom.

6.2 L-appellati jissollevaw n-nullita` jew inezistenza tal-gudizzju, sollevabbli minn din il-Qorti "ex officio", in kwantu fil-kawza Paola Debono ghandha l-kwalita` ta' attrici u ta' konvenuta. Paola Debono kienet konvenuta kemm fil-vesti taghha personali u anke bhala kuratrici deputata ta' hutha assenti. Imbaghad meta fl-14 ta' Frar 1994 mietet l-attrici, accettat li tassumi l-atti u infatti l-atti gew legittimati f'isimha b'digriet tal-31 ta' Awissu, 1994. Kien biss wara aktar minn erba' snin li hija cediet il-kawza in kwantu din kienet kontra taghha stess. Jelaboraw illi f'sentenza fl-ismijiet **Pauline Bonnici et v. Carmelo**

**Mifsud et noe**, il-Qorti kienet "ex ufficio" innotat illi tali sitwazzjoni tirrendi "guridikament inezistenti l-gudizzju, bhala li jiddifetta minn wiehed mill-elementi kostituttivi tieghu, jigifieri l-legittimu kontradittorju tal-partijiet."

6.3 Jispjegaw ukoll l-appellati li l-pretensjoni ta' l-appellanti hija insostenibbli ghaliex l-attrici ma tistax tistenna lill-Qorti tippronunzja ruhha b'dikjarazzjoni fuq punt fattwali u legali rigwardanti kuntratt pubbliku meta ma gietx mitluba taghmel dan fic-citazzjoni. Jelaboraw li l-lanjanza unika ta' appellanti hija li l-kuntratt ma kienx wiehed ta' rendita vitalizja izda kien kuntratt innominat u konsegwentement id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li cahdet it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet attrici kienet skorretta. Ladarba l-partijiet kollha li dehru fuq il-kuntratt in kwistjoni flimkien man-nutar li rrediga l-att, qablu li dan kellu jkun kuntratt ta' rendita vitalizja allura l-attrici kellha qabel xejn titlob lill-Qorti tiddikjara li minkejja dak li gie miftiehem dak in-nhar, il-kuntratt ma kienx wiehed ta' rendita vitalizja. Biex twaqqa' l-animu li kellhom iz-zewg partijiet fuq il-kuntratt u tbiddel id-destinazzjoni tal-kuntratt trid issir talba "ad hoc" fil-Prim Istanza u ma tistax titqajjem fl-appell.

Inoltre, in-nutar li rrediga l-att ikkwantifika r-renta vitalizja fi flus u fil-kuntratt inkiteb li "ic-cessjonarji qeghdin fi kwoti ndaqs u indivizament bejniethom jaghmlu u jikkostitwixxu a favur tac-cedenti… tul hajjithom kollha sal-mewt tas-superstiti fosthom u b'effett millum stess ir-rendita vitalizja ta' elf lira Maltija (Lm1000) fis-sena pagabbli bil-mod hawn taht specifikat…" Ghaldaqstant is-servigi mhumiex il-korrispettiv dirett ghat-trasferiment tal-proprjeta`, izda l-korrispettiv dirett kienet ir-rendita vitalizja – is-servigi huma biss il-modalita` tal-hlas ta' l-istess renta ta' Lm1000 fis-sena. Mis-sentenza appellata jidher li dan gie apprezzat ukoll mill-ewwel Qorti li qalet obiter li se mai l-attrici setghet tfittex lill-konvenuti ghall-annati tal-flus.

Izidu li l-appellanti invokat l-applikabilita` ta' l-Artikoli 1066 u 1068 tal-Kodici Civili li jirrigwardaw il-kondizzjoni risoluttiva u talbet ir-rexissjoni tal-kuntratt. L-appellati kienu ilhom disa` snin jipprestaw servigi u wara biss tlett gimghat li waqfu s-servigi kienet diga` nfethet il-kawza

odjerna. Jidher li ma kien hemm ebda interess li tigi invokata l-parti ta' l-Artikolu 1069 fejn jintalbu li jitkomplew is-servigi ghaliex min kellu interess inqeda b'perjodu sfortunat ghall-appellati sabiex permezz ta' din il-kawza pprova jakkwista bicca proprjeta`.

Gialadarba jigi konfermat li l-kuntratt in kwistjoni kien korrettement redatt bhala kuntratt ta' rendita vitalizja wiehed irid japplika l-*lex specialis* dwar ir-rendita vitalizja, partikolarment l-artikoli 1702 sa 1712 tal-Kodici Civili.

6.4 Fil-mertu jissottomettu li l-ewwel Qorti ma semmiet xejn dwar il-fatt li l-attrici u Borg qalghu barra lil Maria Cauchi billi sahansitra biddlu s-serrattura tad-dar ta' Carmela Vella. Kieku tali fattur ittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti ta' l-ewwel grad kien ikollu effett fuq l-ewwel talba attrici li mbaghad intlaqghet mill-ewwel Qorti. Il-fatt li wara li l-konvenuti kienu ilhom jipprestaw servigi lil Vella ghal aktar minn 9 snin u din fethet il-kawza odjerna f'inqas minn xahar minn meta l-konvenuti waqfu jipprestaw l-istess, juri li l-attrici, fl-eta` avvanzata li kellha, ma kenitx interessata fis-servigi izda riedet biss tiehu lura l-immobbli, u dan b'kull interess li Debono u Borg seta' irrizulta li kellhom. It-testmenti esebiti fl-ahhar tal-kawza wera min kellu interess.

6.5 F'kaz li tigi konfermata s-sentenza appellata ghandu jigu varjat il-kap ta' l-ispejjez stante li mhux ravvizat kif l-ispejjez tal-kawza jistghu jinqasmu bhala dawk relattivi ghall-ewwel talba u dawk relattivi ghat-talbiet l-ohra.

Ghalhekk, huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju jew fin-nuqqas, l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tigi kkonfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

7. Illi minn qari tar-rikors ta' l-appell pjuttost elaborat ta' l-attrici Paola Debono jirrizulta li l-gravam sollevat minnha kontra s-sentenza tal-Qorti ta' Prim Istanza huwa wiehed

prettament ta’ indoli legali. L-appellanti, taqbel mal-parti tad-decizjoni tal-Qorti ta’ l-ewwel grad fejn din sabet li l-konvenuti Maria Cauchi, Giovanna Curmi u Rita Vella kienu naqsu milli jonoraw l-obbligazzjoni minnhom assunta fil-kuntatt tat-23 ta’ April 1983; izda tillanja li dik il-Qorti ghamlet apprezzament guridiku erroneju tal-kuntratt in kwistjoni, u konsegwentement kienet zbaljata meta cahdet ir-rimanenti tlett talbiet attrici, ossija dawk rigwardanti l-hall tal-precitat kuntratt. L-appellanti telabora li l-Qorti ta’ l-ewwel grad cahdet dawn it-talbiet in bazi ghall-kunsiderazzjoni li kuntratt in ezami kien kuntratt ta’ vitalizju regolat b’regoli appoziti, u wara li applikat l-artikolu 1708 tal-Kodici Civili, ikkonkludiet illi l-attrici ma kellhiex jedd titlob il-hall tal-kuntratt u tiehu lura l-immobbli li nghata biex jinholoq il-vitalizju. Skond l-appellanti dik il-Qorti llimitat ruhha ghan-nomenklatura adoperata fil-kuntratt <u>de quo</u> minghajr ma ezaminat bil-mod opportun in-natura ta’ l-istitut tar-renta vitalizja u ghalhekk ma setghetx tiddeciedi korrettement dwar l-effett guridiku reali tal-kuntratt in kwistjoni.

In sostenn ta’ din il-lanjanza taghha l-appellanti taghmel referenza ghall-awtur Taljan Francesco Ricci stante li ssostni li l-ligi Taljana f’dan ir-rigward, hija identika u li l-<u>lacunae</u> li jinsabu kemm fil-ligi taghna u anke fis-sistema guridiku Taljan gew trattati adegwatament mill-guristi u mill-Qrati Taljani. Dan l-awtur huwa tal-fehma li meta jigi moghti kapital jew bini immobbli “in corrispettivo di alimenti che il cessionario si obbliga a prestare al cedente per tutta la sua vita non puo` definirsi contratto di costituzione di rendita vitalizia…perche` la rendita e` un bene commerciabile come tutti gli altri beni, che a sua volta puo` essere alienato o dotato, mentre non si possono cedere in alcun modo gli alimenti prestati in natura.” L-awtur izid jghid li ftehim simili huwa kuntratt innominat regolat bil-principji generali regolanti l-kuntratti u mhux bid-disposizzjonijiet specjali li japplikaw ghall-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ rendita vitalizja.

Skond l-appellanti ghalhekk, il-Qorti ta’ l-ewwel grad kienet zbaljata meta ttrattat il-kuntratt li sar bejn il-partijiet fit-23 ta’ April 1983 bhala kuntratt ta’ rendita vitalizja u

applikat il-ligi specjali, in partikolari l-Artikolu 1708 tal-Kodici Civili. Ghaldaqstant, fil-fehma ta' l-appellanti, peress li l-kuntratt *de quo* hu kuntratt innominat bilaterali li ghalih japplikaw il-principji generali tad-dritt, l-attrici Carmela Vella, kellha l-jedd titlob ir-rexissjoni tal-kuntratt in forza tal-principju tal-patt kommissarju tacitu applikabbli fejn ikun hemm inadempjenza kontrattwali minn xi wahda mill-partijiet.

8.1 L-appellati huma tal-fehma opposta u fir-risposta ghall-appell ta' l-attrici jaghmlu bosta sottomissjonijiet dwaru u fl-ewwel lok jissollevaw in-nullita` tal-gudizzju li fil-fehma taghhom hija "sollevabbli minn din l-Onorabbli Qorti ex officio in kwantu f'din il-kawza llum il-gurnata ghandna lil Paola Debono fil-kwalitajiet kontradittorji ta' attrici u konvenuta fl-istess hin."

L-appellati jissottomettu li meta giet istitwita l-kawza odjerna minn Carmela Vella, Paola Debono kienet konvenuta, kemm fil-vesti personali taghha, kif ukoll bhala kuratrici ta' l-assenti Maria Azzopardi, Francesca Borg, Anthony Chircop, Richard Chircop u Jimmy Chircop. Imbaghad wara l-mewt ta' l-attrici Carmela Vella, l-appellanti kienet accettat li tassumi l-atti tal-kawza u saret il-legittimazzjoni ta' l-atti f'isimha b'digriet tal-31 ta' Awissu 1994. Kien biss erba` snin wara, fit-18 ta' Frar 1999, li hija kienet cediet il-kawza in kwantu din kienet kontra taghha stess u ghalhekk tul dan iz-zmien kienet attrici u konvenuta kontemporanjament. Jghidu li dan il-punt diga` gie deciz mill-Qrati taghna f'kawza fl-ismijiet **Bonnici et v. Mifsud et noe**, fejn l-attrici kienet ghamlet kawza kontra terzi u kontra missierha li kien interdett, u li meta dan miet fil-mori tal-kawza l-attrici kienet accettat l-eredita` u talbet l-estromissjoni tal-kuratur ta' missierha. Dik il-Qorti kienet qalet li bid-dhul taghha bhala kontinwatrici tal-persuna ta' missierha jirrijunixxu ruhhom fiha z-zewg kwalitajiet kontradittorji ta' attrici u konvenut u li dan kien jirrendi guridikament inezistenti l-gudizzju ghaliex ikun jiddifetta minn wiehed mill-elementi kostituttivi tieghu. Dik il-Qorti kienet ghaddiet biex tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.

8.2 Minn ezami ta’ l-atti tal-kawza jirrizulta li fis-seduta tal-21 ta’ Marzu 1993 kien gie verbalizzat illi kienet mietet l-attrici. Fis-7 ta’ April 1994, l-appellanti odjerna, Paola Debono, bint l-attrici, ghamlet rikors biex tissokta l-kawza f’isimha, liema talba giet milqugha fil-31 ta’ Awissu 1994. Mill-atti jidher illi fis-seduta tal-19 ta’ Ottubru 1995, li ghaliha kienu prezenti d-difensuri tal-partijiet, il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet kontendenti biex jirregolaw ruhhom “in vista tal-fatt li jidher li Paola Debono tissejjah attrici u konvenuta fl-istess waqt.” Fis-seduta sussegwenti d-difensuri tal-partijiet kienu iddikjaraw li kien hemm possibilita` ta’ transazzjoni[1]. Il-kawza giet ceduta minn Paola Debono safejn maghmula kontra taghha stess fit-18 ta’ Frar 1999[2] - u dan wara li fis-seduta tat-28 ta’ April 1998[3] id-difensur ta’ l-attrici kien ivverbalizza li x’aktarx il-kawza se tigi ceduta fil-konfront taghha stess. Jigi rilevat illi wara li saret tali cessjoni qatt ma ntqal xejn mill-appellati f’dan ir-rigward – anzi fis-seduta tad-9 ta’ Dicembru 1999, id-difensur tal-konvenuti, appellati odjerni, mhux talli ma kienx oppona t-talba ta’ l-attrici Paola Debono li tkompli tressaq ix-xhieda taghha fis-seduta ta’ wara, izda talab li f’xi kaz li jirrizultaw elementi godda mix-xhieda prodotti mill-attrici, il-konvenuti jressqu xhieda ohra. F’dik l-istess seduta l-konvenuti pproducew ix-xhieda taghhom u saret dikjarazzjoni li huma kienu ghalqu l-provi taghhom[4]. Sussegwentement il-partijiet ipprezentaw in-noti ta’ sottomissjonijiet taghhom u l-kawza giet deciza mill-Qorti ta’ Prim Istanza. Jirrizulta ghalhekk li ghalkemm l-appellati kellhom kull opportunita` li jqajmu tali lanjanza, huma baqghu siekta u komplew il-kawza qiesu qatt ma kien xejn. Mhux biss, izda sahansitra xehdu fil-kawza u pprezentaw nota ta’ sottomissjonijiet dettaljata ghall-ahhar, minghajr ma sar l-inqas accenn li kien hemm tali nullita`. L-uniku accenn li l-konvenuti ghamlu ghal dan il-fatt kien fit-tieni paragrafu tan-nota minnhom ipprezentata - u mhux ghax allegaw li l-kawza kienet nulla – izda biex jenfasizzaw li “huwa prattikament ovvju li din il-kawza ma saritx fl-interess ta’ Carmela Vella, izda fl-

[1] fol 68-71
[2] fol 81
[3] fol 80
[4] fol 86-87

interess ta' Paola Debono." Ghaldaqstant jekk kien hemm xi irregolarita` fil-posizzjoni ta' l-appellanti wara li din assumiet l-atti giet regolarizzata bic-cessjoni minnha maghmula minghajr opposizzjoni da parti tal-konvenuti.

Mhumiex ghalhekk korretti l-appellati meta jghidu li "llum il-gurnata ghandha lill-Paola Debono fil-kwalitajiet kontradittorji ta' l-attrici u konvenuta fl-istess hin." Dan qed jinghad ukoll ghaliex hu spedjenti ghall-ekonomija tal-gudizzju stante li sentenza li tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju mhux definittiva tal-mertu u ma hemm l-ebda ostakolu biex l-istess domandi jergghu jigu riproposti[5]. Konsegwentement, din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

9.1 Fit-tieni lok, l-appellati jeccepixxu li l-gravam sollevat fir-rikors ta' l-appell mill-appellanti, cioe` li l-kuntratt tat-23 ta' April 1983 ma kienx wiehed ta' rendita vitalizja, izda kuntratt innominat li ghalih japplikaw ir-regoli regolanti l-inadempjenza kontrattwali, u mhux l-artikoli 1702 sa 1712 tal-Kodici Civili, huwa insostenibbli. Jghidu li l-attrici ma tistax tippretendi li l-Qorti tippronuncja ruhha b'dikjarazzjoni kontra kuntratt pubbliku minghajr ma tigi mitluba taghmel dan fic-citazzjoni. Gialadarba jirrizulta li l-partijiet kollha li dehru fuq il-kuntratt tat-23 ta' April 1983, qablu flimkien man-Nutar Dr. Angelo Vella li dak kellu jkun kuntratt ta' rendita vitalizja, kien jigi mill-attrici li l-ewwel u qabel kollox titlob f'din il-kawza dikjarazzjoni mill-Qorti li minkejja dak li ftehmu l-partijiet il-kuntratt in kwistjoni ma kienx wiehed ta' rendita vitalizja. Izidu li l-istess nutar li rrediga l-kuntratt kien ikkwantifika l-ammont tar-rendita ghall-elf lira fis-sena pagabbli bil-prestazzjoni ta' servigi – ghalhekk is-servigi li kellhom jigu rezi mhumiex il-korrispettiv dirett ghat-trasferiment ta' l-immobbli, izda biss il-modalita` tal-hlas ta' l-istess rendita.

9.2 Din il-Qorti tirrileva li huwa principju stabbilit illi fl-ghoti tas-sentenza f'kawza, il-gudikant ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod li waqt li huwa obbligat jokkupa ruhu mill-kwistjonijiet kollha dedotti

[5] Aquilina J. et v. Camilleri C. – Appell Inferjuri – 10 ta' Marzu 2004

fil-gudizzju mill-partijiet, min-naha l-ohra huwa ma jistax jitratta u jirrisolvi kwistjonijiet li qatt ma gew sollevati u sottomessi mill-partijiet ghad-decizjoni tieghu. Dan dejjem sakemm il-kwistjoni ma tkunx ta' ordni pubbliku fejn allura l-gudikant hu obbligat li jirrileva dan "ex officio"[6].

9.3 Fil-kaz odjern anke ezami hafif ta' l-att tac-citazzjoni attrici u ta' l-atti tal-kawza, jibbasta biex juri li fl-ebda mument l-attrici ma talbet jew gabet ghall-attenzjoni tal-Qorti ta' Prim Istanza l-kontestazzjoni ta' indoli legali li issa ghogobha tissolleva quddiem din il-Qorti bhala objezzjoni fil-konfront tas-sentenza appellata. Fic-citazzjoni attrici, l-attrici stess tghid espressament li l-kuntratt *de quo* kien wiehed li bih giet kostitwita rendita vitalizja favuriha mill-konvenuti, liema "rendita vitalizja hija pagabbli mill-istess imsemmija tliet konvenuti… taht il-forma ta' servigi." Imbaghad fit-talbiet taghha, l-attrici talbet li l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti naqsu li jirrendu s-servigi u kura mehtiega lill-attrici kif kienu obbligaw ruhhom jaghmlu u li ghalhekk ghandu jigi ordnat il-hall tal-kuntratt. Talbet li l-Qorti tordna l-hall b'mod li kollox jerga` jitqieghed fl-istat li kien qabel u tikkundanna lill-konvenuti jersqu ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' hall, prevja n-nomina ta' nutar biex jircievi l-att opportun. L-attrici, fl-ebda mument, ma ppremettiet illi l-kuntratt *de quo* ma kienx wiehed ta' kostituzzjoni ta' rendita vitalizja jew talbet dikjarazzjoni mill-qorti f'dan is-sens. Il-kuntratt innifsu, esebit mac-citazzjoni mill-attrici[7], jitkellem fuq rendita vitalizja – tant li c-cessjonarji kienu kkawtelaw l-adempiment puntwali ta' l-obbligi assunti minnhom favur l-attrici u zewgha billi saret ipoteka generali tal-gid tal-konvenuti, oltre l-privilegg specjali ghas-somma ta' LM4,000.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet, ferm dettaljata, prezentata fid-29 ta' Awissu 2001, l-attrici l-ewwel taghmel referenza cara u netta ghall-fatt li bejn il-partijiet kien sar ftehim dwar rendita vitalizja, imbaghad qabdet u ekwiparat tali ftehim daqs li kieku kien ftehim bilaterali kwalsiasi, <u>u mhux wiehed specjali kif invece hu</u>, u tibqa' ssegwi dan il-binarju

[6] Cacciatolo utrinque – Appell Civili - 30 ta' Gunju 1976
[7] fol 7

zbaljat bla ma tidhol fil-kwistjoni dwar jekk il-ftehim kienx tabilhaqq ftehim ta’ rendita vitalizja jew semplici obbligazzjoni bilaterali ta’ hlas ghal servigi li kellhom jigu pprestati u fejn allura tapplika l-kundizzjoni rizoluttiva a tenur ta’ l-Artikolu 1068 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fi kliem iehor, il-kwistjoni dwar l-applikabbilita` o meno ta’ l-Artikolu 1708 tal-Kap. 16 giet iddibattuta biss min-naha attrici fir-rikors ta’ appell u mhux qabel.

L-argument ta’ l-attrici quddiem l-ewwel Qorti kien dak li sar kuntratt bilaterali ghall-ghoti ta’ servigi u stante li l-konvenuti naqsu li jipprestaw is-servigi li kienu obbligati li jipprestaw, allura gie nieqes minnu l-element b’korrispettivita`. Ghalhekk kollox kellu jirritorna ghall-posizzjoni kif kienet qabel ma sar il-kuntratt tat-23 ta’ April, 1983. Kellha kwindi tapplika ghall-kaz, dejjem skond it-tezi attrici, il-kondizzjoni rizoluttiva ai termini ta’ l-Artikolu 1068 tal-Kap. 16 li tirreferi pero` ghall-kuntratti bilaterali in generali. Fin-nota responsiva tal-konvenuti quddiem l-ewwel Qorti hemm espressament sottomess li l-kundizzjoni rizoluttiva ma kenitx rilevanti f’dan il-kaz ghaliex hawn invece kellha tapplika disposizzjoni specjali kif hemm fl-Artikolu 1702 sa 1712 tal-Kap. 16. Ma jidhirx li l-attrici rreagixxiet b’xi mod ghal din is-sottomissjoni tal-konvenuti quddiem l-ewwel Qorti. L-attrici setghet facilment tqajjem dan il-punt bazilari quddiem il-Qorti fid-diversi seduti li saru wara u setghet anke talbet lill-Qorti l-fakulta` li tipprezenta nota responsiva ghas-sottomissjonijiet tal-konvenuti. In fatti, jirrizulta li l-kawza ma gietx deciza immedjatament wara li gew ipprezentati n-noti msemmija. Kien inzammu zewg seduti quddiem il-Qorti ta’ l-ewwel grad u fis-seduta tad-9 ta’ Mejju 2002, id-difensur ta’ l-attrici kien informa lill-Qorti li l-kawza setghet tibqa` ghad-decizjoni.

9.4 Jirrizulta kjarament, ghalhekk, li l-appellanti qatt ma qajmet il-punt legali espost fir-rikors ta’ l-appell quddiem il-Qorti ta’ l-ewwel grad u ghalhekk mhux konsentit li din il-Qorti ta’ revizjoni tokkupa ruhha minnu. Dan ghaliex, kif gie gustament irrimarkat fid-decizjoni ta’ din il-Qorti,

diversament presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet **Malcolm Cachia noe. v. Joseph Apps noe.**[8] **–**

“mhux lecitu li s-socjeta` konvenuta tqajjem materji ta’ din ix-xorta quddiem il-Qorti ta’ revizjoni kemm ghax dan ikun jissorprendi lill-kontroparti u jipprivaha mid-dritt tad-doppio ezami kif ukoll ghaliex il-Qorti ma ghandhiex bhala regola tippermetti li dan isir meta l-fatti li fuqhom dawn il-kontestazzjonijiet ikunu bazati ikunu ovvjament diga` sewwa maghrufa lill-appellanti qabel u waqt it-trattazzjoni tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti.”

“Qorti ta’ l-Appell bhala qorti ta’ revizjoni, ma tistax taccetta li tigi abbuzata b’dan il-mod, anke ghaliex mhux accettat illi l-kontroparti tigi sorpriza b’materja li qatt ma ngiebet ghad-diskussjoni quddiem il-Qorti ta’ Prim Istanza.”[9]

Ghar-ragunijiet hawn esposti jirrizulta li l-lanjanza ta’ l-appellati hija fondata u din il-Qorti sejra ghalhekk tastjeni milli tiehu aktar konjizjoni tar-rikors ta’ l-appell ta’ l-appellanti. Apparti dan, din il-Qorti sejra wkoll tastjeni milli tvarja d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti dwar il-kap ta’ l-ispejjez, kif suggerit mill-appellati fil-hames paragrafu tar-risposta ta’ l-appell, stante li <u>ma sar ebda appell incidentali</u> minnhom f’dan ir-rigward.

Ghal dawn il-motivi, is-sentenza appellata qed tigi kkonfermata u l-appell interpost mill-attrici qed jigi michud. L-ispejjez tal-prim istanza jibqghu kif deciz mill-Qorti ta’ l-ewwel grad u l-ispejjez ta’ dan l-appell huma a karigu ta’ l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[8] 30 ta’ Gunju 1997
[9] E. Grech et v. C. Taliana - Appell Inferjuri - 22 ta’ Novembru 2002